# ĦOSS L-GĦEWIED

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: *Ħoss l-għewied*[1] huwa l-isem ta' waħda minn serje ta' taħditiet animati fis-**Sensiela Serati Mużikali** li kienu jsiru fis-sala ewlenija tal-Każin Banda San Ġiljan A.D. 1927, u li fiha kienu ħadu sehem għadd ta' allievi mill-banda tal-post u oħrajn. Dawn is-serati kienu jkunu speċi ta' saġġi[2], u kienu ntiżi għalbiex jgħinu lin-nies tapprezza aħjar l-arti tal-mużika fil-forom kollha tagħha. Is-serati kienu jkunu ppreżentati minn Mro. Manoel Pirotta li huwa wkoll Surmast Direttur tal-istess Banda.

Kliem muftieħ: Sensiela Serati Mużikali, Flawt, Ottavin, Obwe, Kornu Ingliż, Klarinett, Klarinett Baxx, Fagott, Kontra Fagott.

FIL-BIDU: Il-ħoss kien minn ewl id-dinja. Għal dan il-għan il-bniedem twieled b'par widnejn kbar u muswafa biex meta jrid jiftagħhom beraħ ħalli jisma' sewwa, jonkella isoddhom b'idejh biex bħal donnu jittarrax u madwaru dlonk jaqa' skiet perfett li għandu mill-ħlewwa tal-ġenna. Iżda l-ħsejjes ta' madwaru, ġejjin minfejn huma ġejjin, qatt ma ħallewh bi kwietu: issa għax tqum żiffa riħ, li mbagħad jiqliel u jispiċċa jvenvinlu rasu; issa għax jibda jkarwat ir-ragħad fil-bogħod, li mhux l-ewwel darba li jitfixklu mat-tgergir irrabjat ta' xi ljun, u



tgħidx kemm kien jiddispjanċih wara!; issa għax tfaqqa' xi sajjetta fil-qrib u taqtgħu minn ġewwa; issa għax qed jisma' l-weraq iħaxwex, jew l-ilma ġieri jġelben minn mal-blat; issa għax jisma' l-għana ħlejju tal-għasafar huma u jittajru filgħoli fejn ma jistax jilħaqhom, u elf mitt ħoss ieħor. Dawn il-ħsejjes kollha kienu jsaħħruh u ra kif għamel biex jibda jimitahom għax kien jemmen li l-ħoss, u aktar tard, il-mużika għandha xi forma ta' seħer li permezz tagħha seta' jġib ix-xita, ifejjaq il-mard, u jġiegħel lill-għelejjel joktru. (It-tpenġija turi wieħed minn dawn in-nies tal-għerien li, minflok irraporta għax-xogħol, għażel li jmur iqatta' ġurnata jiġġerra fl-għelieqi mimlijin qasab biex jonsob għal xi ninfa sbejħa!)

Mhux l-ewwel darba wkoll li dawn in-nies tal-għerien kienu jgħajtu u jtaptpu saqajhom jew iħabbtuhom ma' l-art waqt li jkunu mitlufin f'żifna mhewrla u imqanqlin bis-sbuħija tan-natura; iħabbtu fuq sidirhom għax irrabbjati fuq xiħadd jew xiħaġa li ma jistgħux jaqblu fuqha; iċapċpu għax jkunu ferħanin b'xi wild ġdid, jew għax ir-raba' tat il-ħsad tagħha, jew is-siġar imtlew bil-frott tagħhom; jixheru għax imdejqin bil-mewt tal-għeżież tagħhom, jonkella jokorbu għax mittiefsa b'xi marda li ma jfiqux minnha.

U kif mit-tqawwis tal-watar welled l-istrumenti tal-korda, u mill-ġlud tal-annimali u t-tisbit fuq iz-zkuk niexef tas-siġar ħoloq it-tnabar, hekk ukoll sab li bl-infiħ tiegħu f'xi qoxra ta' bebbuxu (id-daqq tal-bronja[3]), zokk vojt (flejguta[4]), jew qrun ta' annimal (qrajna[5]) seta' joħroġ minnhom ħsejjes strambi imma li jiġbdu l-attenzjoni tan-nies ta' madwaru, saħansitra tal-annimali.

---

[1] Plural ta' għuda, biċċa njama, jew ħatba - mhux tal-infern! – imma għuda normalment tajba għall-ħruq.
[2] Saġġ (bit-Taljan, *saggio*) tfisser test jew prova, jonkella mostra. Illum-il ġurnata nużaw il-frażi *home concert* biex infissru l-istess ħaġa.
[3] Bronja hija kelma oħra flok baħbuħa jew bebbuxu tal-baħar aktarx tawwali, jonkella għakrux imdaqqas vojt. Dari, sid il-mitħna, jew taħħàn, kien idoqq il-bronja darbtejn, l-ewwel darba biex javża lill-bdiewa li r-riħ huwa tajjeb biex titħan il-qamħ, u t-tieni darba biex javżahom li l-qamħ issa kien intaħan u allura setgħu jiġu jiġbruh.
[4] Flawt medjevali li jindaqq minn bokkin miżmum bejn ix-xofftejn u s-swaba' ta' id waħda li jifformaw n-noti billi jiftħu jew jagħlqu tliet (kultant erba') toqob maqtugħin fit-tul tiegħu. Dan l-istrument issa sar jitqies bħala wieħed mill-istrumenti folkloristiċi ta' pajjiżna.
[5] Il-qrajna hija diminuttiv ta' qarn. Il-ħoss tiegħu huwa wieħed stramb li jixbah lil dak ta' tromba. Dari il-karnival ta' Malta kien jiftaħ bid-daqq tiegħu. Il-Qarn ġieli jżidulu xi bedbut, jew bedbut u qima b'xi toqob fiha, biex il-ħoss tiegħu ma jkunx daqshekk monotonu.

IL-FAMILJA: L-istrumenti tal-qasba huma wkoll strumenti tan-nifs, jiġifieri jindaqqu billi tgħaddi r-riħ minn ġo fihom. L-istrumenti l-aktar komuni f'dil-familja huma: il-Flawt u l-Ottavin; l-Obwe u l-Kornu Ingliż; il-Kwartin, il-Klarinett, u l-Klarinett Baxx; il-Fagott u l-Kontra Fagott. Il-Kornu Ingliż wil-Fagott ma tantx issibhom idoqqu ġo banda jekk mhux waqt xi kunċert sinfoniku fejn mhemmx qniepen idoqqu u murtali tal-festa tielgħin wieħed wara l-ieħor. Il-Kontra Fagott ma nafx li hawn xi wieħed idoqqu hawn Malta. Karatteristika komuni fihom kollha hija l-forma konika tagħhom, u li jitħaddmu permezz ta' sistema ta' ċwievet. L-istrumenti f'dil-familja huma kollha magħmulin mill-injam, ħlief għall-flawt li issa sar isir mill-metall.





FLUTE

Il-**FLAWT**: Dan l-istrument tan-nifs aktarx li jaf il-bidu tiegħu fil-mitoloġija klassika fejn insibu lil Pan[6] li kien iħobb lil waħda ninfa[7] jisimha Sirinks[8] (qasba) li għax ma tatux wiċċ, biddlilha suritha f'bejta qasab li minnha kien jaqta' qasba wara l-oħra kull meta kien ikollu bżonn jagħmel xi bedbut jew xi fifra!



PICCOLO

Il-Flawt, flimkien mal-Ottavin (għax in-noti li jaqra fil-fatt jinstemgħu ottava[9] ogħla), huma l-iżgħar strumenti tal-Banda u/jew Orkestra, tant li aħna ġieli nsibuhom ukoll bħala strumentini, jew strumenti żgħar. Bħala materjal, il-flawt jista' jkun tal-injam, kif kien fi żmien il-Barokk u l-Klassiku, jew tal-metall minn lewn il-fidda, ġieli anke minn lewn id-deheb (Sir James Galway, flawtist magħruf ħafna li twieled fl-Irlanda fl-1939, huwa magħruf ukoll bħala ir-'raġel bil-flawt tad-deheb'). Dawn iż-żewġ strumenti jindaqqu billi jinżammu laġemba u bin-nifs igħaddi minn ġo toqba li jkun hemm fuq ġemb minnhom (huma ma jagħmlux użu minn qasba), filwaqt li s-swaba jħaddmu sistema ta' ċwievet u toqob. Huma jipproduċu noti brillanti u għoljin ferm (akuti) u faċilament jafu jagħmlu l-aktar passaġġi mgħaġġlin. Madankollu, in-noti fir-reġistru l-aktar baxx tagħhom huma xi ftit dgħajfin fil-ħoss, u għaldaqstant, għandhom jiġu evitati, jekk mhux biex joħolqu xi effett speċjali bħalma għandna fil-każ ta' *Syrinx* ta' Debussy.



ENGLISH HORN



OBOE

L-**OBWE**: Dan l-istrument twieled ġo Franza fis-seklu 17. Il-kelma Obwe ġejja mill-ilsien franċiż – *hautbois* – li fil-fatt hija tagħqida ta' żewġ kelmiet – *haut* (għoli) u *bois* (injam) – għax leħnu huwa wieħed pjuttost irqiq u nażali. Minħabba f'hekk, dan l-isturment juża l-kjavi tal-vjolin[10]. Ħafna jqisu l-ħoss tiegħu bħala wieħed pastorali għax għandu mid-daqq ta' mużika

---

[6] Fil-mitoloġija klassika, Pan kien iben Ħermes u Protettur tal-ħajja kampanjola. Fil-fatt, lil Pan dejjem ipenġuh bil-qrun, bid-dwiefer maqsumin bħal ta' mogħża u bil-ġisem ukoll ta' mogħża! Kien alla dejjem ċajtier – sakemm ma tqajmux meta kien ikun qed jogħnos għad-dell ta' xi siġra. Jekk tqajmu meta me kienx ikun irid iqum, kien jaf iqajjem biża' bla raġuni jew paniku.

[7] In-ninfa kienu spirti jew xbejbiet divini li jgħammru fl-elementi kollha tan-natura. Ninfi jistgħu jkunu tal-baħar (Nerejdi); tas-siġar (Drijadi): u ninfi tax-xmajjar, għadajjar u għejun. Il-Grieki kienu dejjem ipinġuhom bħala xbejbiet ħelwin li jħobbu ż-żfin u jagħtu ħajja ġdida kull fejn ikunu. Bħala xbejbiet divini kienu jinqalgħu wkoll biex ibassru l-ġejjieni. Min kien jonqoshom mir-rispett jew iħammiġilhom l-ilma l-ilma, jew iqaċċat xi siġra għażiża ghalihom, kienu jħawdulu moħħu u jġennuh. *Għandna bżonn xi nofs tużżana minnhom kieku hawn Malta!* (Paġna 86 minn Il-Mitoloġija ta' Victor Xuereb fis-sensiela Kullana Kulturali Nru. 4 – Pubblikazzjoni Indipendenza – PIN 1999).

[8] *Syrinx (La Flûte de Pan)* huwa wkoll isem ta' xogħol tas-seklu 20 tal-kompożitur franċiż Claude Debussy (1862-1919) għal flawt waħdu. Dax-xogħol jiddeskrivi d-dieqa ta' Pan għax mingħalih li kien sab l-imħabba li qatt ma kienet.

[9] Fil-mużika hija dik in-nota li tkun it-tmien waħda fuq/taħt bl-istess tonalità.

[10] Din il-kjavi ġieli nsibuha wkoll bħala tas-'SOL' għax titqiegħed fuq it-tieni linja. (Il-linji tal-pentagramma tgħoddhom minn isfel għal fuq.) Naturalment, din il-kjavi, minbarra li sservi għall-vjolin, sservi wkoll għall-flawt u ottavin, klarinett, kornu, tromba, mandolina, kitarra, pjanuforte u l-arpa: dawn l-aħħar tnejn jużaw ukoll il-kjavi tal'FA' għall-parti tal-akkumpanjament. (Paġna 11 minn Grammatika jew tagħlim meħud minn diversi awturi kbar tal-mużika ta' Gejtan Grech.)

kampanjola. L-Obwe jagħmel użu minn par qasab, jew żewġ qasbiet ċkejknin marbutin flimkien min-naħa l-waħda permezz ta' qafla tan-najlon irqir jew materjal simili ieħor. Dan it-tarf jidħol f'tubu tas-sufra, li min-naħa tiegħu mbagħad jidħol marsus fin-naħa ta' fuq tal-istrument. Minħabba l-ħidma delikata li fihom, il-qasab tal-Obwe jiswew il-flus, u ħafna huma dawk li jdoqqu dan l-istrument li jixtru l-għodda apposta ta' darba biex jagħmlu l-qasab tagħhom.




F'banda ma tantx tiltaqa' ma' Obwe jekk mhux f'xi kunċert sinfoniku fejn leħnu jgħaxxqek bil-ħlewwa tiegħu. Dan qed ngħidu, għax meta mhux użat tajjeb, il-ħoss tiegħu jispiċċa bħal dak ta' papra – liema ħoss ifakkarni ħafna fit-tema li biha tintroduċi ruħha Sonia *f'Peter and the Wolf*, ħrafa mużikali tal-kompożitur russu Sergei Prokofiev (1891-1953). Mill-banda l-oħra, f'orkestra ġeneralment issib Prim u Sekond Obwe, u ximindaqqiet Kornu Ingliż ukoll, li huwa Obwe kbir u li għandu vuċi aktarx ta' swied il-qalb. Fil-fatt, dan l-istrument mgħandu xejn 'Ingliż' fih – kienu biss l-Ingliżi li dawru l-kelma franċiża *anglé*, li bil-malti tfisser 'angolat', f'*anglais*, jiġifieri 'ingliż'. Dan għamluh bl-idea li jkollhom huma wkoll strument msemmi għal pajjiżhom peress li jeżisti wkoll il-*French Horn*, jew kif nafuh aħna bil-malti, il-Kornu, li huwa strument tar-ram.







Il-**KLARINETT**: Kien Johann Christoph Denner (1655-1707) li vvinta l-Klarinett kif nafuh illum. Dan l-istrument huwa magħmul mill-injam aktarx ta' lewn iswed u għandu forma konika, jiġifieri, figura ġeometrika fil-qiegħ ġej f'forma ta' qanpiena u jitla' għal xejn xejn sa ma jasal f'ponta li aħna nsejħulha mbokkatura (*mouthpiece*) biex id-daqqâq ikun jista' jonfoħ minn ġo fiha. Il-Klarinett jindaqq billi wieħed jirfes in-noti permezz ta' sett ta' ċwievet li jiftħu u/jew jagħlqu għadd ta' toqob meta jingħafsu. Bħala strument tan-nifs huwa jagħmel użu minn qasba (*reed*) maħduma apposta, u li din titqiegħed ċatta ma' dahar l-imbokkatura u tintrabat b'rabta żgħira aktarx tal-metall (*ligature*) jew materjal ieħor biex ma tiċċaqlaqx.




Il-Klarinett huwa ferm popolari mal-baned maltin tant li bħalu nsibu sriebet sħaħ jimmarċjaw fuq quddiem. Mill-banda l-oħra f'orkestra nsibu biss il-Prim u s-Sekond Klarinett. Bħala ħoss imbagħad, għalkemm huwa anqas delikat minn dak tal-Obwe, għandu vuċi mimlija u rikka fejn in-noti għoljin huma penetranti. Hemm imbagħad ukoll il-Klarinett Baxx li huwa akbar mill-Klarinett u għandu vuċi baxxa u noti gravi għal effetti speċjali.







Il-**FAGOTT**: Kważi l-ikbar fost l-istrumenti tal-injam huwa l-Fagott. Dan l-istrument huwa magħmul minn żewġ tubi twal tal-injam aktarx ta' lewn qastni li, meta tarahom, qishom żewġ ħatbiet[11] imwaħħlin ma' xulxin. Huwa juża żewġ qasbiet bħall-Obwe, u li jeħlu ma' tubu li jkun ġej f'forma ta' ganċ. Minħabba t-toqol li fih biex iġġorru, il-Fagott jiġi mwieżen b'ċinga li tintlibes madwar l-għonq. Jindaqq billi jinżamm wieqaf imma xi ftit immejjel 'l quddiem u bil-qanpiena tipponta 'l fuq. F'ħafna każi dan l-istrument idoqq il-parti tal-Baxx tal-familja tiegħu. F'dak li huwa ħoss, il-Fagott huwa goff kultant, speċjalment fin-noti l-baxxi, iżda għandu ħila jipproduċi effetti serji u/jew komiċi, kemm-il darba jiġi mħaddem tajjeb. Fil-baned aktar issibu jdoqq għall-kwiet f'xi kunċert ġo xi sala milli jimmarċja fit-toroq waqt xi festa mimlija storbju. Dan għaliex leħnu huwa pjuttost dgħajjef u jista' jintilef malajr. Għall-kuntrarju, f'orkestra huwa normali li wieħed isib Prim u Sekond Fagott.

[11] Għuda niexfa tajba għall-ħruq.

Il-Kontra Fagott huwa ħafn’ ikbar fid-daqs u għaldaqstant ibjex fil-ħoss, imma qajla jintuża, tant li hawn f’Malta għandi d-dubju jekk jeżistix xi wieħed bħalu. Jerġa’, ir-repertorju tiegħu huwa wieħed limitat ħafna u jintuża l-aktar f’orkestri sinfoniċi kbar u f’xogħlijiet ta’ kompożituri romantiċi, bħal ngħidu aħna fis-silta *La Belle et la Bête* f’*Ma Mère l'Oye Suite* tal-kompożitur franċiż Maurice Ravel (1875-1937) fejn m’għandniex xi ngħidu, l-Kontra Fagott aktar jirrappreżenta lill-Bestja milli s-Sbejħa (li f’dal-każ tindaqq mill-Obwe). Tant huwa goff u tqil il-Kontra Fagott, li mhux possibli li jitwieżen b’ċinga għax jispiċċa jaqlagħlek għonqok! Minflok, għandu bħal ħarrieġa żgħira (virga żgħira u rqiqa tal-metall) fil-qiegħ tiegħu biex l-istrument jiġi jserraħ mal-art.

GĦELUQ: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Skalin għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Sant’ Anna li qed tiġi ċċelebrata ġewwa ir-raħal marittmu ta’ Wied il-Għajn, u (b) fl-okkażjoni tal-85 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Każin Banda San Ġiljan A.D. 1927. Fil-fatt, għal dis-sena, il-Kumitat ħejja programm sħiħ u sabiħ ta’ attivitajiet mużikali u soċjali li ser ikunu mifruxin matul is-sena kollha. Iċ-ċelebrazzjonijiet ser jilħqu l-qofol tagħhom b’Kunċert Kbir tal-85 Sena fit-Teatru tas-Sacred Heart San Ġiljan taħt il-Patroċinju tal-President ta’ Malta l-Eċċ. Tiegħu Dr. George Abela nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Novembru, u Quddiesa ta’ Ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali mill-Kappillan Fr. Claude Portelli l-għada s-Sibt 24 ta’ Novembru.